Mellieħa

20 ta' Frar 2025

# ID-DISA' KUNSILL

**AĠENDA Numru 10**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa**

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tipparteċipa fis-Seduta tal-Kunsill Lokali numru 10 li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa nhar l-Erbgħa, 26 ta' Frar 2025 fil-5:30 pm.

Din il-laqgħa ser tkun imxandra mis-sit: https://www.mellieha.gov.mt/live-streaming u r-*recording* tagħha jista' eventwalment jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/.

Marica Gambin
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

---

**AĠENDA**

10.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

10.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

10.3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

10.4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

10.5. Mozzjoni dwar l-għoti ta' *performance bonus* lill-impjegati tal-Kunsill;

10.6. Xogħol ta' Tisbiħ tat-Taraġ fi Triq l-Isqof Pace;

10.7. Introduzzjoni ta' Self-Maintained Public Convenience fi Triq l-Għoljiet;

10.8. Kuntratt dwar iż-Żamma ta' Ġonna Pubbliċi;

10.9. Sejħa għall-offerti dwar il-kiri ta' vettura double cab pickup;

10.10. Konsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi; u

10.11. Tmiem tal-laqgħa u data għas-seduta li jmiss.

**10.5. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera E. Bartolo illi tgħid:**

“Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) (L.S. 363.20) skont Regolament 19(1), jipprovdu għall-ħlas ta' *performance bonus* lill-impjegati tal-Kunsill; u

Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2024 ġiet ivvutata somma għal dan il-għan, filwaqt li jidher illi ngħata servizz mill-uffiċjali mpjegati mal-Kunsill matul is-sena 2024, kif deskritt fil-*Performance Appraisal Report* li ġie mħejji skont l-iskeda, mehmuża mal-imsemmija regolamenti;

Il-Kunsill jirriżolvi illi għas-Sena Finanzjarja 2024, l-impjegati eliġibbli, għandhom jitħallsu *performance bonus*, maħdum fuq is-salarji bażiċi rispettivi mħallsa f’Diċembru 2024, skont il-perċentwali ndikati fl-istess rapporti u soġġett għall-ftehim kollettivi fis-seħħ, kif ukoll skont ir-rata mogħtija mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv.”. (Wages)

Emvin Bartolo
**Proponent**

Jude Cauchi
**Sekondant**